**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**

**Bħala Qorti ta' Ġudikatur Kriminali**

**Maġistrat Dr. Kevan Azzopardi B.A. LL.D**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Christian Cauchi)**

**kontra**

**Viktor Vujovic**

**Illum, 22 ta' Ġunju 2023**

**Il-Qorti,**

Rat li il-Pulizija ippreżenta taħt arrest lil Viktor Vujovic ta' 18-il sena bin Jovica Vujovic u Ana Vujovic nee' Bukara, mwieled nhar is-26 ta' Settembru 2004 ġewwa Novi Pazar, is-Serbja mingħajr indirizz fiss u detentur tal-passaport Serbjan bin-numru 015356418 fejn ġie akkużat:

*"talli nhar It-Tlieta 20 ta' Ġunju 2023 ghall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' flgħaxija (21:30HRS) u/jew fil-ħinijiet ta' qabel dan ġewwa l-Blokka ta' appartamenti bl-isem 'Ascot Court' sitwat fi Triq it-Tamar, San Pawl il-Baħar u/jew madwar il-gżejjer Maltin:*

*1. Kellu fil-pussess tiegħek il-pjanta Cannabis kollha jew biċċha minnha bi ksur tal-Artiklu 8(d) tal-Kapitlu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*2. Bi ħsara tas-sid jew tad-detentur, għamel vjolazzjoni oħra kontra l-proprjetà u cioe' CCTV camera ta' Andrew Zarb, mhux imsemmija fil-paragrafi ta' qabel ta' dan l-artikolu, u lanqas band'oħra f'dan il-Kodiċi u dan bi ksur tal-Artikolu 340(d) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*3. U aktar talli nhar it-Tlieta 20 ta' Ġunju 2023 għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' flgħaxija (21:30HRS) u jew fil-ġranet, hinijiet ta' qabel dan ġewwa l-Blokka ta' appartamenti bl-isem 'Ascot Court', fi Triq it-Tamar, San Pawl il-Baħar u/jew ġewwa dawn il-gżejjer Maltin għex ħajja ta' għażż u ta' vagabundaġġ u dan bi ksur tal-Artiklu 338(w) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta."*

Rat li l-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, tipprovdi għas-sigurtà ta' Andrew Zarb ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384, 385 u 412C tal-Kodiċi kriminali, Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta, kif ukoll sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' l-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet l-uffiċjal prosekutur jispjega ċ-ċirkostanzi li wasslu għall-arrest tal-imputat u wara li l-Qorti kkonvalidat tali arrest stante l-konvinzjoni tagħha li dan kien sar skont il-liġi, tant li d-difiża ma oġġezzjonatx għal-validità tal-arrest, minkejja l-ammissjoni tal-imputat fl-istadju inizjali tal-proċeduri, kompliet tisma' lill-uffiċjal prosekutur jispjega fil-qosor iċ-ċirkostanzi li

wasslu għall-imputazzjonijiet kontra l-imputat, hekk kif huwa ippreżenta numru ta' dokumenti.

Kif diġà ssemma fil-paragrafu preċedenti l-imputat irreġistra ammissjoni nkondizzjonata waqt il-preżentata bl-arrest ta' llum it-22 ta' Ġunju 2023, u wara li l-Qorti spjegat il-portata tal-ammissjoni tal-imputat lill-istess imputat u sentenza li tista' tingħata fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti ssospendiet il-proċeduri sabiex tagħti żmien lill-imputat jerġa jikkonsulta mal-avukat tiegħu bil-għan li jirrikonsidra l-ammissjoni tiegħu. Meta reġgħet issejħet il-kawża l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tiegħu.

Rat l-atti proċesswali.

Semgħet is-sottomissjonijiet orali tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Li stante l-ammissjoni tal-istess akkużat, il-Qorti m'għandiex triq oħra ħlief li ssibu ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u tgħaddi għas-sentenza.

Il-Qorti fil-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar il-piena ħadet konjizzjoni tal-età tal-imputat li għalkemm m'huwiex minorenni ċertament li għadu fi żmien li jirriforma ruħu. Fiċ-ċirkostanzi piena karċerarja effettiva żgur li ma tilħaqx l-effetti mixtieqa. Hija ulterjorment ikkunsidrat l-ammissjoni nkondizzjonata tal-imputat fl-istadju inizjali tal-proċeduri fil-konfront tiegħu, biss ma tistax tinjora' l-fatt li l-ammont ta' materjal suspettat li huwa parti mil-pjanta tal-Cannabis li nstab fil-pussess tal-imputat ma kienx wieħed insinifikanti.

**Konklużjoni**

Fuq ammissjoni tal-istess imputat, wara li rat l-artikolu 8(d) tal-Kapitlu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-artikoli 338(w) u 340(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Qorti tiddikjara li qed issibu ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tikkundanna l-imputat Viktor Vujovic għal multa ta' elf u mitt Ewro (€1,100) fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, u għal mitt Ewro (€100) ammenda fir-rigward tat-tieni u t-tielet imputazzjoni komplessivament.

Il-Qorti, bis-saħħa tad-dispost ta` l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna lill-ħati jħallas lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali l-ispejjeż kollha konnessi mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri odjerni, inklużi dawk tal-esperti li setgħu ġew maħtura fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta relatata ma dawn il-proċeduri, hekk kif stabbiliti u/jew ikkonfermati mil-istess Reġistratur.

Il-Qorti finalment tordna li l-eżebit ippreżentat waqt dawn il-proċeduri, jiġifieri permezz ta' *seizure bag* bin-numru M01451383 konsistenti f'materjal aħdar suspettat li hija parti mill-pjanta tal-Cannabis immarkat bħala dok CC8, sakemm l-Avukat Ġenerali ma jindikax b'nota li għandha tiġi ppreżentata fi żmien ħmistax-il (15) jum mid-data tal-iskadenza taż-żmien mogħti mil-liġi għall-appell ta' din is-sentenza, li l-eżebit huwa meħtieġ għal-konnessjoni ma' xi proċeduri kriminali oħra kontra terzi persuni, għandu jiġi distrutt taħt is-sorveljanza tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali.

Il-Qorti tordna komunika ta’ din is-sentenza lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali sabiex isseħħ l-eżekuzzjoni tal-Ordni skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta u d-distruzzjoni tal-eżebit kif ordnat.

**Maġistrat**
**Dr. Kevan Azzopardi B.A., LL.D.**

**Josanne Gauci**
**Deputat Reġistratur**

< Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------